

Simone Veil: Superstita tal-Olokawstu u l-ewwel President mara tal-Parlament Ewropew (1927-2017)



Avukat, politiku u femminista, Simone Veil serviet bħala l-Ministru tas-Saħħa ta' Franza bejn l-1974 u l-1979. F'dik is-sena hi saret Membru tal-Parlament Ewropew u ġiet eletta l-President tiegħu, rwol li żammet sal-1982. B'hekk hi saret il-President tal-ewwel Parlament elett direttament u l-ewwel President mara.

Veil hija rikonoxxuta fi Franza b'mod partikolari għal-legalizzazzjoni tal-abort u għat-titjib ta' ħajjet in-nisa u l-kundizzjonijiet tal-priġunieri. Hija wkoll magħrufa fl-Ewropa għall-isforzi tagħha biex biex tonora u tippreserva l-memorja tal-Lhud maqtula fl-Olokawstu matul it-Tieni Gwerra Dinjija, u għall-impenn tagħha favur il-valuri u l-unità Ewropej. Veil ħarġet ħajja mill-kamp ta' konċentrament ta' Auschwitz-Birkenau u għaldaqstant hi ammirata għall-kuraġġ tagħha kemm dak politiku kif ukoll dak personali.

It-tfulija u l-esperjenzi trawmatiki ta' Veil matul it-Tieni Gwerra Dinjija żergħu ż-żerriegħa ta' impenn għal Ewropa magħquda, kawża li baqgħet tiddefendi għall-bqija ta' ħajjitha.

Il-bidu ta' ħajjitha

Simone Jacob twieldet fit-13 ta' Lulju 1927 ġo familja Lhudija f'Nizza, Franza. Hi u membri l-oħra tal-familja tagħha ġew arre-stati fl-1944 u mibgħuta fil-kampijiet ta' konċentrament Nazisti ta' Auschwitz-Birkenau, Bobrek, u fl-aħħar fil-kamp ta' Bergen-Belsen. Filwaqt li hi u żewġ ħutha bniet baqgħu ħajjin, il-ġen-itori tagħha u ħuha mietu fil-kampijiet. Hi rritornat lejn Pariġi f'Mejju 1945 u bdiet l-istudji tagħha tal-liġi u x-xjenza politika. Hija żżewġet lil Antoine Veil fl-1946.

Tidħol fil-politika

Veil saret magħstirat u f'din il-kapaċità tat il-pariri tagħha lill-mi-nistri suċċessivi tal-ġustizzja, inkluż lil François Mitterrand. Fl-1970, hi saret l-ewwel segretarju ġenerali mara tal-*Conseil supérieur de la magistrature* (il-Kunsill tal-Maġistratura). Il-leġġenda tgħid li meta Valéry Giscard d'Estaing sar il-President ta' Franza f'April 1974, hu mar għand Antoine Veil bl-intenzjoni

li jistiednu biex ikun parti mill-gvern il-ġdid tiegħu. Il-President iddeċieda li ma jaħtarx lil Antoine u minflok għażel lil martu Simone.

Hija ingħaqdet mal-gvern ta' Giscard d'Estaing bħala Ministru tas-Saħħa. Ftit wara l-ħatra tagħha, hija ġġieldet battalja ieb-sa biex tillegalizza l-abort fi Franza u rnexxielha biss wara li l-op-pożizzjoni fl-assemblya nazzjonali ngħaqdet mal-kawża tagħha biex japprovaw l-liġi fl-1975. Din tqieset kisba sinifikanti u l-liġi saret magħrufa bħala *la loi Veil*.

Impenjata għal Ewropa magħquda

Wara l-gwerra, bħala superstita tal-Olokawstu, Veil sabitha dif-fiċli li tifhem kif pajjiż Ewropew seta' jaġmel gwerra kontra ieħor. Hekk kif għamlet progress fil-karriera politika tagħha fi Franza, hi saret aktar impenjata favur l-idea ta' Ewropa li fiha tali atroċitajiet qatt ma jerġgħu jsefħu. Għalhekk, meta l-Presi-dent Giscard d'Estaing talab lil Veil biex tkun il-kap tal-lista

tal-partit tiegħu fl-ewwel elezzjonijiet diretti tal-Parlament Ewropew fl-1979, hi ħatfet l-opportunità.

Veil ġiet eletta fil-Parlament Ewropew, li għażilha bħala l-President tiegħu, u b'hekk saret il-President tal-ewwel l-Parlament Ewropew elett direttament u l-ewwel mara fir-ras ta' kwalunkwe istituzzjoni tal-UE. Hija serviet ukoll bħala president tal-kumitat għall-affarijiet legali u bħala membru tal-kumitati dwar l-ambjent, l-affarijiet politiċi, l-affarijiet barranin u s-sigurtà, u tas-sottokumitat dwar id-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, hija kienet membru tal-kumitat speċjali dwar ir-riunifikazzjoni tal-Ġermanja stabbilit fl-1990.

Matul il-mandat tagħha fil-Parlament, hija kienet ukoll il-President u l-Viċi President tal-Grupp tal-Liberali u d-Demokratiċi, li aktar tard sar il-Grupp tar-Riformisti Liberali u Demokratiċi. Fl-1981 rebġet il-Premju Charlemagne, il-premjju li jingħata biex jonora l-kontribut ta' persuna għall-unità Ewropea.

Is-snin ta' wara

Wara 14-il sena fil-Parlament Ewropew, fl-1993 Veil irritornat fil-politika Franċiża u serviet bħala Ministru tal-Istat u Ministru tas-Saħħa u l-Affarijiet Soċjali sal-1995. Fl-1998 inġatret fil-Kunsill Kostituzzjonali ta' Franza. Mill-2001 sal-2007 hija serviet bħala l-ewwel president tal-Fondazzjoni għall-Memorja tax-Shoah (*Fondation pour la Mémoire de la Shoah*). Fl-2005 hija għamlet kampanja favur it-Trattat li jstabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

Meta fl-2008 Veil ġiet eletta fl-*Académie Française*, waħda mill-ftit nisa li rċevew tali onur, hija kellha tliet affarijiet minquxin fuq ix-xabla ċerimonjali maħduma għal kull membru

tal-akkademja. Dawn kienu: it-tatwaġġ tan-numru tagħha ta' Auschwitz, 78651; il-motto tar-Repubblika Franċiża, "Libertà, Ugwaljanza, Fraternità"; u l-motto tal-Unjoni Ewropea, "Magħquda fid-Diversità".

Fl-2011, il-wesgħa quddiem il-bini ewlieni tal-Parlament Ewropew fi Brussell ġie msemmi Agora Simone Veil ad unur tagħha, u fl-2012 ingħatat *Le Grand-Croix de la Légion d'honneur*. Wara l-mewt tagħha fit-30 ta' Ġunju 2017, Antonio Tajani, il-President tal-Parlament Ewropew, ta ġieħ lil Veil filwaqt li sejħilha "*il-President il-kbir tal-Parlament Ewropew, tal-kuxjenza tal-UE, attivista kontra l-anti-Semitiżmu u difensur tad-drittijiet tan-nisa*. Il-messaġġ tagħha dwar in-nisa u l-anti-Semitiżmu għadu rilevanti sal-lum". F'Lulju 2018, il-fdalijiet tagħha ndifnu fil-mausoleum tal-Panthéon f'Pariġi. Hija kienet biss il-ħames mara li rċeviet dan l-onur.



Il-President tal-Parlament Ewropew Simone Veil titkellem ma' Altiero Spinelli fl-1981.